A.L. 109 ta' l-1991

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI
(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għall-Grad ta'
Baċillier ta' l-Inġinerija u l-Arkitettura (bl-Unuri)
B.E. & A. (Hons)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga r-Regolamenti li ġejjin magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

Titlu fil-Qosor

Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu Regolamenti tal-B.E. & A. (Hons) għall-kors li beda fi Frar 1985.

REGOLAMENTI GĦALL-GRAD TA' BAĊILLIER TA' L-INĠINERIJA W L-ARKITETTURA (BL-UNURI) — B.E. & A. (Hons)
(Igħoddu biss għall-kors li beda fi Frar 1985)

1. **Eliġibbiltà għall-Grad**

Kandidat ikun eliġibbli għall-għotja tal-Grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija w l-Arkitettura (bl-Unuri), jekk:

(a) ikun reġistrat bħala student bil-matrikola, f'termini tar-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università;

(b) jissodisfa l-Kwalifiki Speċjali tal-Kors, skond Regolament 3 hawn taħt;

(ċ) itemm il-kors ta' studju, jgħaddi fl-eżamijiet, u jissodisfa kwalunkwe kondizzjonijiet oħra stabbiliti f'dawn ir-Regolamenti;

(d) jissodisfa kwalunkwe kundizzjonijiet oħra meħtieġa fi Statuti u Regolamenti rilevanti ta' l-Università.

2. **It-Tul u l-Istruttura tal-Kors**

2.1. Il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija u l-Arkitettura (bl-Unuri) jinfirex fuq sitt snin.

2.2 Il-kors huwa maqsum f'żewġ partijiet, kif ġej:

L-Ewwel Parti tinfirex fuq ħames semestri akkademiċi, komuni għal kull student, l-ewwel tlett semestri akkademiċi huma ta' sitt xhur kull wieħed, u jalternaw ma' semestri xogħol ukoll ta' sitt xhur kull wieħed, u l-aħħar żewġ semestri jkunu ta' erba' xhur kull wieħed.

It-Tieni Parti tinfirex fuq erba' semestri akkademiċi, u tkun magħmula minn numru ta' Fergħat ta' studju, li minnhom kull student jagħżel waħda.

2.3. Il-Bord tal-Fakoltà jirriserva d-dritt li jillimita n-numru ta' Fergħat ta' studju, skond ir-riżorsi tal-Fakoltà.

3. **Kwalifiki Speċjali għall-Kors**

Biex kandidat japplika biex jidħol għall-kors li jwassal għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija u l-Arkitettura (bl-Unuri), irid li, barra li jissodisfa il-kundizzjonijiet biex jidħol bħala student regolari skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università, jissodisfa wkoll dawn il-Kwalifiki Speċjali għall-Kors:

I. Żewġ ċertifikati fil-Livell Avvanzat (bi Grad Ċ, jew aħjar, jew ekwivalenti),
   (i) fil-Matematika
   (ii) fil-Fiżika

u

II. *jew* ċertifikat ieħor, fil-Livell Avanzat (bi Grad D, jew aħjar, jew ekwivalenti), f'suġġett mil-lista ta' suġġetti approvati (l-aħjar jekk ikun l-Arti),

jew ċertifikat, mogħti mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni tal-Gvern ta' Malta, li l-kandidat ikun temm b'suċċess il-Kors għall-"Architects' Assistants and Draughtsmen":

Ħlief li kandidat li huwa gradwat ta' università, jew li għandu kwalifiki li jitqiesu biżżejjed, jista' fuq parir tal-Kumitat għad-Dħul tal-Fakoltà, jiġi meħlus mill-Bord għad-Dħul li jissodisfa parti minn jew kull waħda minn dawn il-Kwalifiki Speċjali għall-Kors.

4. **Kurrikulu**

4.1. Is-suġġetti ta' l-Ewwel Parti tal-kors li jwassal għall-Grad ta' B.E.&A. (Hons) huma:

L-Ewwel Sena *(Semestru Akademiku 1)*

Grafika
Kommunikazzjoni w Sterjotomija
Storja ta' l-Arkitettura w l-Inġinerija
Mekkanika tal-Fluwidi
Mekkanika tas-Solidi
Matematika
Materjali għal Bini/Teknoloġija tal-Konkrit
Xjenza Soċjali

It-Tieni Sena *(Semestru Akkademiku 2)*

Disinn Arkitettoniku/Tipoloġija
Storja ta' l-Arkitettura w l-Inġinerija
Matematika
Kostruzzjoni tal-Bini/Teknoloġija tal-Konkrit
Studji Ambjentali
Surveying
Idrawlika/Elementi ta' Struttura

It-Tielet Sena *(Semestru Akademiku 3)*

Disinn Arkitettoniku/Tipoloġija/Disinn tal-Pajsaġġ
Studji ta' l-Urbanistika
Storja ta' l-Arkitettura w l-Inġinerija

Matematika
Kostruzzjoni tal-Bini w Servizzi
Idrawlika
Teorija ta' l-Istrutturi
Disinn ta' Strutturi

Ir-Raba' Sena (Semestri Akademiċi 4 u 5)

Disinn
Metodoloġija tad-Disinn
Disinn Urbanistiku
Matematika
Struttura
Inġinerija Ċivili: Ġeoteknika
Idroloġija
Inġinerija tal-Pedamenti
Inġinerija tas-Saħħa Pubblika

u dawk is-suġġetti l-oħra li s-Senat, fuq parir tal-Bord tal-Fakoltà, jista' jistabilixxi.

4.2. Is-suġġetti tat-Tieni Parti tal-kors huma magħmula minn grupp ta' suġġetti li kull student irid jieħu, kif ukoll suġġetti oħra, li fiimkien jiffurmaw Fergħa ta' studju. Il-Fakoltà tintrabat li toffri għall-anqas żewġ Fergħat ta' studju, waħda li tkun prinċipalment fl-Inġinerija Ċivili jew/u tal-Bini, u l-oħra fl-Arkitettura jew/u Studji ta' l-Urbanistika. Il-lista ta' Fergħat li l-Fakoltà tkun se toffri tiġi ppublikata għall-anqas sena qabel ma jibdew dawk il-Fergħat. Il-kurrikulu għal kull Fergħa jiġi approvat mill-Bord tal-Fakoltà għall-anqas qabel it-tmiem tas-semestru ta' qabel il-bidu ta' dik il-Fergħa. Kull Fergħa tinkludi dawn is-suġġetti:

Disinn
Ekonomija tal-Bini u ta' l-Art
Amministrazzjoni ta' Proġetti
Liġi tal-Bini w Dokumenti Kuntrattwali
Riċerka w Programmazzjoni
Prattika Professjonali

4.3. Kull student irid jagħżel Fergħa waħda, u jrid jieħu is-suġġetti msemmija hawn fuq, kif ukoll is-suġġetti kollha li jiffurmaw il-Fergħa magħżula. Kull kandidat għandu wkoll jikteb Dissertazzjoni u jaħdem fuq Disinn għall-Proġett ta' Teżi fuq suġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-Fergħa li għażel.

5. Valutazzjoni ta' l-Ewwel Parti

5.1. Il-valutazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ewwel tlett semestri, li saru fil-perjodu bejn Frar 1985 u Frar 1988, skond ir-Regolamenti, Bye-Laws, u linji ta' gwida li kienu japplikaw dak iż-żmien, jibqgħu validi, minkejja kwalunkwe provvediment f'dawn ir-Regolamenti, jew fil-linji ta' gwida mwaqqfa mill-Bord tal-Fakoltà wara Ottubru tal-1988.

5.2. Fit-tmiem ta' kull semestru, jista' jkun hemm valutazzjoni ta' kull student f'kull suġġett, skond il-linji ta' gwida mwaqqfa mill-Bord tal-Fakoltà.

5.3. Din il-valutazzjoni tiġbor fiha r-riżultati miksuba fix-xogħol assenjat lill-kandidat ma' tul is-semestru, u/jew fl-eżamijiet li jsiru fi tmiem is-semestru, skond il-linji ta' gwida mwaqqfa mill-Bord tal-Fakoltà.

5.4. Meta l-Bord tal-Fakoltà ma jkunx sodisfatt bir-riżultati ta' xi kandidat fi kwalunkwe suġġett, jista' jitlob lill-kandidat biex dan jerġa' jiġi vvalutat b'eżami ieħor, jew/u billi jerġa' jippreżenta xogħol assenjat lilu, jew/u billi jissodisfa kundizzjonijiet oħra li l-Bord tal-Fakoltà jista' jagħmel.

5.5. Ikun hemm valutazzjoni f'Jannar u oħra f'Mejju. Valutazzjoni supplementari issir f'Settembru.

6. **Valutazzjoni tat-Tieni Parti**

6.1. Fit-tmiem ta' kull sena, ikun hemm valutazzjoni f'kull suġġett, skond il-linji ta' gwida mwaqqfa mill-Bord tal-Fakoltà.

6.2. Din il-valutazzjoni tiġbor fiha ir-riżultati tal-kandidat fix-xogħol assenjat lilu ma' tul is-semestri, jew/u fl-eżamijiet li jsiru fi tmiem is-sena, skond il-linji ta' gwida mwaqqfa mill-Bord tal-Fakoltà.

6.3. Isiru eżamijiet f'Ġunju, u eżamijiet supplementari f'Settembru.

6.4. Meta il-Bord tal-Fakoltà ma jkunx sodisfatt bir-riżultati ta' xi kandidat fi kwalunkwe suġġett, jista' jitlob lill-kandidat biex dan jerġa jiġi vvalutat b'eżami ieħor, jew/u billi jerġa' jippreżenta xogħol assenjat lilu, jew/u billi jissodifa kundizzjonijiet oħra li l-Bord tal-Fakoltà jista' jagħmel.

7. **Progress fil-Kors**

7.1. Kandidat ma jingħatax permess biex jitla' fis-sena tal-Kors li tmiss, jekk il-Bord tal-Fakoltà ma jkunx sodisfatt bir-riżultat tiegħu fuq kull sena.

7.2. Kandidat li ma jingħatax permess biex jitla' fis-sena tal-Kors li tmiss, taħt ir-regolament 7.1, jista' jingħata permess mill-Bord tal-Fakoltà biex jirrepeti dik is-sena tal-Kors. L-ebda kandidat ma jingħata permess biex jirrepeti aktar minn darba.

8. **Riżultati u Klassifikazzjoni tal-Grad**

8.1. Fit-tmiem ta' kull sena ta' l-Ewwel Parti, ir-riżultat akkademiku ta' kull student jiġi miġbur f'marka waħda, u jiġi ppubblikat, bil-grad A,B,Ċ,D, jew "Fail", skond il-linji ta' gwida mwaqqfa mill-Bord tal-Fakoltà.

8.2. Fit-Tieni Parti, ir-riżultati ta' kull student ma' tul is-sena jingħabru flimkien, u jiġu ppublikati bħala riżultat wieħed, bil-gradi, A, B, Ċ, D, jew "Fail", skond il-linji ta' gwida mwaqqfa mill-Bord tal-Fakoltà. L-eżamijiet u x-xogħol tal-kors ta' l-aħħar sentejn jiġu moderati minn eżaminaturi barranin, maħtura skond il-parir tal-Bord tal-Fakoltà.

8.3. Il-kandidati jikkwalifikaw għall-għotja tal-grad meta jtemmu l-aħħar sena b'suċċess. Il-klassifikazzjoni finali tal-grad ta' kull kandidat li jgħaddi tinbena fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena, skond il-linji ta' gwida mwaqqfa mill-Bord tal-Fakoltà. L-ismijiet tal-kandidati li ikkwalifikaw għall-grad ta' B.E.&A. jiġu ppublikati, f'ordni alfabetiku, f'lista maqsuma fil-kategoriji: l-Ewwel Klassi bl-Unuri, it-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Superjuri), it-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Inferjuri), it-Tielet Klassi bl-Unuri, jew Għadda ("Pass"), skond il-linji ta' gwida mwaqqfa mill-Bord tal-Fakoltà.

8.4. Il-marka li titmexxa 'l quddiem meta jkun hemm valutazzjoni supplementari, tkun, għall-fini tal-klassifikazzjoni tal-grad, il-marka minima li biha kandidat jgħaddi.

8.5. Fit-Tieni Parti, il-kandidati li jirrepetu sena, jew li jkollhom jerġgħu jippreżentaw id-Dissertazzjoni, jew id-Disinn għall-Proġett ta' Teżi, jistgħu jikkwalifikaw biss għall-grad fil-kategorija ta' "Pass".

9. **Applikazzjoni tar-Regolamenti**

Dawn ir-regolamenti japplikaw biss għall-kors li beda fi Frar 1985.